



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2020
COM(2020) 752 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Is-sitwazzjoni fiskali fir-Rumanija

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

Is-sitwazzjoni fiskali fir-RUMANIJA

1. INTRODUZZJONI

Fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2020¹, fit-3 ta' April 2020 il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE"). Il-Kunsill irrakkomanda lir-Rumanija biex sal-2022 ittemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern ("ir-Rakkomandazzjoni").² Din ir-Rakkomandazzjoni ġiet adottata fuq il-bażi ta' defiċit ippjanat ta' 3,8 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019. Deficit bħal dan huwa oġġa u mhux qrib il-valur ta' referenza tal-iżbilanċ ta' 3 % tal-PGD stabbilit bl-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv. L-eċċess fuq dan il-valur ta' referenza fl-2019 lanqas ma kien eċċezzjonali. Skont *data* vvalidata mill-Eurostat ippubblikata sussegwentement, id-defiċit fl-2019 ammonta għal 4,4 % tal-PDG.

Dak iż-żmien li l-Kunsill adotta dik ir-Rakkomandazzjoni, il-pandemija tal-COVID-19 kienet diġà qed taffettwa serjament lill-Ewropa. Madankollu, ir-Rakkomandazzjoni nnutat li l-pożizzjoni ta' defiċit eċċessiv kienet assoċjata ma' deċiżjonijiet ta' politika adottati mill-awtoritajiet qabel it-tifqigħa tal-COVID-19. Dawn id-deċiżjonijiet inkludew b'mod partikolari żidiet kbar fil-pensjonijiet imbassra li jwasslu għal deterjorament kbir ħafna u persistenti fil-bilanċ tal-baġit.

Skont ir-Rakkomandazzjoni, li ġiet imtennija fir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2020 Nru 1 indirizzata lir-Rumanija³, ir-Rumanija jenħtieġ li tilħaq mira tad-defiċit nominali tal-gvern ġenerali ta' 2,8% tal-PDG sal-2022⁴. Din il-mira kienet fil-biċċa l-kbira konsistenti mal-Istrateġija Fiskali tar-Rumanija 2020-2022, adottata mill-Parlament u promulgata fil-liġi fit-18 ta' Diċembru 2019. Ir-Rakkomandazzjoni kienet ibbażata fuq it-tbassir tax-xitwa 2020 tal-Kummissjoni, ippubblikat fit-13 ta' Frar 2020, estiż b'varjabbli fiskali sal-2022. Dan it-tbassir ma kienx jinkludi l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19.

Fl-20 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir⁵. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni ddikjarat li l-kundizzjonijiet biex tiġi attivata l-klawżola liberatorja ġenerali kienu ġew issodisfati. Din il-fehma ġiet approvata mill-Ministri tal-Finanzi tal-UE fit-23 ta'

¹ Rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija (COM(2020) 91 final).

² Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' April 2020 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern fir-Rumanija (ĠU C 116, 8.4.2020),

³ Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Lulju 2020 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2020 tar-Rumanija u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2020 tar-Rumanija, (ĠU C 282, 26.8.2020, p. 149-156) .

⁴ Skont il-pjan ta' aġġustament rakkomandat, ir-Rumanija għandha tilħaq il-mira tad-defiċit nominali tal-amministrazzjoni pubblika ta' 3,6 % tal-PDG fl-2020, 3,4 % tal-PDG fl-2021 u 2,8 % tal-PDG fl-2022, konsistenti ma' rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ta' 8,2 % fl-2020, 5,5 % fl-2021 u 5,5 % fl-2022, li jikkorrispondu għal aġġustament strutturali annwali ta' 0,5 % tal-PDG fl-2020, 0,8 % tal-PDG fl-2021 u 0,8 % tal-PDG fl-2022.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, (COM(2020) 123)

Marzu 2020. Il-klawżola, kif stabbilita fl-Artikoli 5 (1), 6 (3), 9 (1) u 10 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97 u l-Artikoli 3 (5) u 5 (2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-politiki baġitarji fi żminijiet ta' tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku fl-UE jew fiż-Żona tal-Euro kollha kemm hi, billi tippermetti lill-Istati Membri jieħdu miżuri baġitarji biex jittrattaw b'mod adegwat tali sitwazzjoni, fil-proċeduri preventivi u korrettivi tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Fl-20 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar is-Semestru Ewropew: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi⁶. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni pprovdiet aġġornament dwar is-sorveljanza fiskali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fil-kuntest tal-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali. Il-Kummissjoni enfasizzat il-gravità tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li rriżulta mit-tifqigħa tal-COVID-19, li rriżultat f'inċertezza eċċezzjonali, u b'hekk kien partikolarment diffiċli li titfassal triq kredibbli għall-politika fiskali. Il-Kummissjoni qieset li f'dak l-istadju ma għandhiex tittieħed deċiżjoni dwar jekk Stati Membri addizzjonali għandhomx jitqiegħdu taħt proċedura ta' defiċit eċċessiv (PDE) skont l-Artikolu 126 TFUE.

Fil-15 ta' Settembru 2020, ir-Rumanija ppreżentat ir-rapport tagħha dwar azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni. Dan ir-rapport jindika deterjorament kbir tal-finanzi pubbliċi matul l-2020, prinċipalment minħabba l-pandemija tal-COVID-19 (ara t-Taqsima 3 u 4).

F'ittra mill-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis u l-Kummissarju Gentiloni lill-Ministru tal-Finanzi Pubbliċi Rumen Cîtu fid-19 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni enfasizzat l-inċertezza għolja prevalenti kemm dwar l-iżvilupp tal-pandemija kif ukoll dwar il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha. Għalhekk, hija kkonkludiet li l-klawżola liberatorja ġenerali jenħtieġ li tibqa' attiva fl-2021, kif indikat ukoll fl-Istrateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021⁷. Fir-rebbiegħa 2021, filwaqt li tqis il-projezzjonijiet makroekonomiċi aġġornati, il-Kummissjoni terġa' tivvaluta s-sitwazzjoni.

Il-klawżola liberatorja ġenerali ma tissuspendix il-proċeduri tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Madankollu, l-attivazzjoni tagħha għandha konsegwenzi għall-parti korrettiva tal-Patt. L-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1477/97 jistipula:

“Fil-każ ta' tnaqqis gravi fir-ritmu ekonomiku fiż-Żona tal-Euro jew fl-Unjoni ġeneralment, il-Kunsill jista' wkoll jiddeċiedi, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li jadotta rakkomandazzjoni riveduta taħt l-Artikolu 126(7) TFUE bil-kundizzjoni li dan ma jipperikolax is-sostenibbiltà fiskali għall-perjodu medju.”

L-attivazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali, għalhekk, tippermetti lill-Kummissjoni ttipponi rakkomandazzjoni riveduta tal-Artikolu 126(7), dment li s-sostenibbiltà fiskali f'terminu medju ma tiġix ipperikolata, anki fin-nuqqas ta' azzjoni effettiva mill-Istat Membru b'reazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Artikolu 126(7).

⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment, Semestru Ewropew 2020: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (COM/2020/500 final).

⁷ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bank Ċentrali Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Bank Ewropew tal-Investment; Strateġija Annwali għat-Tkabbir Sostenibbli 2021 (COM/2020/575 final).

Fid-dawl tal-inċertezza eċċezzjonali kontinwa maħluqa mill-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt makroekonomiku u fiskali straordinarju tagħha, il-Kummissjoni tqis li f'dan l-istadju ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar passi ulterjuri fil-PDE tar-Rumanija.

Din l-inċertezza eċċezzjonali, inkluż għat-tfassil ta' perkors kredibbli għall-politika fiskali, ma tippermettix lill-Kummissjoni tippreżenta f'dan l-istadju Rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 126(7).

Il-Kummissjoni se tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni baġitarja tar-Rumanija fuq il-bażi tad-*data* dwar l-eżitu tal-2020, il-baġit tal-2021 u t-tbassir tar-rebbiegħa 2021 tal-Kummissjoni fir-rebbiegħa 2021. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni se tippromponi passi ġodda skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, filwaqt li tqis l-applikazzjoni kontinwa tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2021.

Governanza ekonomika soda, bħal azzjoni effettiva fil-kuntest ta' PDE, u politiki makroekonomiċi kumplessivament sodi huma prerekwiżit biex jiġi żgurat ambjent li jwassal għal investiment pubbliku produttiv u użu effettiv tal-Fondi tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Facility, RRF). Fuq il-bażi tal-proposti magħmula mill-Kummissjoni (attwalment fil-proċess leġiżlattiv), hija meħtieġa governanza ekonomika soda għall-forniment bla xkiel tal-fondi tal-UE. Ta' min ifakkar ukoll li l-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-abbozz tar-Regolament RRF jirrikjedu li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tar-Rumanija jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi rilevanti identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi rilevanti.

2. L-IŻVILUPP U L-PROSPETTI MAKROEKONOMIĊI

L-ekonomija tar-Rumanija kibret b'medja ta' 5 % fis-sena fl-2016-2019, fejn il-konsum privat kien il-mutur ewlieni tat-tkabbir. L-investiment kien volatili matul dan il-perjodu, filwaqt li l-esportazzjonijiet netti kkontribwew b'mod negattiv għat-tkabbir tal-PDG hekk kif l-importazzjonijiet żdiedu b'rata aktar mgħaġġla mill-esportazzjonijiet. Dan it-tkabbir ekonomiku robust kien, madankollu, akkumpanjat minn żbilanċi makroekonomiċi emerġenti, b'mod partikolari fil-forma ta' defiċit fil-kont kurrenti u baġitarju għoli u li qed jikber, xprunat prinċipalment minn żidiet kbar fil-pagi u diversi tnaqqis fit-taxxi. Id-defiċit tal-baġit żdied minn 2,6 % tal-PDG fl-2016 għal 4,4 % tal-PDG fl-2019 u kien imbassar li jiżdied b'mod qawwi matul is-snin ta' wara (ara t-Tabella 1) minħabba għadd ta' deċiżjonijiet ta' politika fiskali espansjonarja adottati f'dawn l-aħħar snin (ara t-Taqsima 3). Il-kont kurrenti mexxa gradwalment minn pożizzjoni kważi bilanċjata fl-2014 għal defiċit ta' 4,7 % tal-PDG fl-2019. Il-Pożizzjoni ta' Investiment Internazzjonali Netta (PIIN) tar-Rumanija bħala perċentwal tal-PDG ilha tonqos b'mod kostanti mill-2013, appoġġata minn tkabbir ekonomiku b'saħħtu, u stabbilizzat għal madwar -44 % tal-PDG fi tmiem l-2019.

Fl-ewwel nofs tal-2020, il-PDG tar-Rumanija naqas b'4,5 % sena wara sena, xprunat l-aktar minn tnaqqis qawwi fil-produzzjoni fit-tieni trimestru minħabba l-lockdown fil-pajjiż kollu wara t-tifqigħa tal-COVID-19. Il-miżuri restrittivi adottati għall-ġlieda kontra l-pandemija kellhom impatt negattiv fuq l-infiq tal-konsumatur filwaqt li t-tfixkil tal-ktajjen tal-provvista internazzjonali u d-domanda esterna dgħajfa naqqsu l-produzzjoni u l-esportazzjonijiet. L-investiment wera li kien aktar reżiljenti, billi l-attività tal-kostruzzjoni fil-biċċa l-kbira ma kinitx affettwata mill-miżuri ta' konteniment. L-attività reġgħet waqgħet fit-tielet trimestru iżda ż-żieda mill-ġdid tal-każijiet tal-COVID-19 li bdew jaċċelleraw fl-aħħar ta' Settembru,

kif ukoll l-introduzzjoni mill-ġdid ta' restrizzjonijiet assoċjati, ixekklu l-prospetti ekonomiċi fuq terminu qasir.

Fit-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, il-PDG reali huwa projettat li jonqos b'madwar 5¼ % fl-2020 u li jirkupra b'madwar 3¼ % fl-2021 u 3¾ % fl-2022, meta se jirkupra l-livell tiegħu ta' qabel il-kriżi. Il-konsum privat huwa mistenni li jirkupra gradwalment, f'konformità mat-tħaffif eventwali tal-miżuri ta' tbeġħid soċjali, fl-2021 u l-2022. L-investment huwa wkoll projettat li jirkupra, għalkemm b'mod kemxejn moderat minħabba inċertezza persistenti. Fl-istess ħin, l-esportazzjonijiet netti huma mistennija li jikkontribwixxu negattivament għat-tkabbir matul il-perjodu ta' tbassir, li jwassal għal żieda żgħira fid-defiċit tal-kont kurrenti.

Il-kriżi għandha wkoll impatt qawwi fuq it-tkabbir potenzjali, għalkemm l-istimi huma soġġetti għal livell sinifikanti ta' inċertezza. Il-Kummissjoni tistma li t-tkabbir potenzjali tal-PDG se jonqos drastikament minn 4,1 % fl-2018 għal 2¼ % fl-2022. Il-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni, stmat fuq il-bażi tal-metodoloġija miftehma b'mod komuni, kien żdied għal 2,4 % tal-PDG potenzjali fl-2019 minn 2 % fl-2018. Huwa projettat li dan isir negattiv ħafna fl-2020, qabel jonqos gradwalment mill-2021, iżda jibqa' negattiv matul il-perjodu ta' tbassir.

Tabella 1: Paragun tal-iżviluppi u t-tbassir makroekonomiku

	2019	2020		2021	2022
	Riżultat	COM	RO	COM	COM
PDG reali (% ta' bidla)	4,2	-5,2	-3,8	3,3	3,8
<i>Kontribuzzjonijiet għat-tkabbir tal-PDG reali:</i>					
- Domanda interna finali	8,3	-4,0	-3,8	4,0	5,0
- Bidla fl-inventarji	-2,8	-0,6	-1,5	0,3	0,0
- Esportazzjonijiet netti	-1,3	-0,6	-0,8	-1,0	-1,2
Id-differenza fil-produzzjoni (% tal-PDG potenzjali)	2,4	-5,3	mhux applikabbli	-4,4	-3,0
Impjieġ (% ta' bidla)	0,1	-2,8	-1,8	0,4	1,4
Rata ta' qgħad (%)	3,9	5,9	5,1	6,2	5,1
Produttività tax-xoġħol (bidla f'%)	3,7	-2,2	mhux applikabbli	3,1	2,5
Inflazzjoni tal-HICP (%)	3,9	2,5	mhux applikabbli	2,5	2,4
Deflatur tal-PGD (% tibdil)	6,9	2,8	3,7	2,9	2,9
Kumpens għall-impjegati (ras għal ras, bidla f'%)	9,5	8,2	mhux applikabbli	4,6	4,0
Bilanċ tal-gvern ġenerali (% tal-PDG)	-4,4	-10,3	-8,6	-11,3	-12,5
Dejn tal-amministrazzjoni pubblika (% tal-PDG)	35,3	46,7	43,6	54,6	63,6

Sors: It-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni (COM), il-Baġit 2020 (l-emenda ta' Awwissu) u l-projezzjoni tal-ħarifa tal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Istrateġija u l-Prognożi (RO)

Il-previżjoni ta' tkabbir hija suġġetta għal livell għoli ta' inċertezza. Il-forma tal-irkupru se tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq it-tul tal-kriżi tal-COVID-19, fuq il-ħeffa tal-irkupru fis-sħab kummerċjali ewlenin tar-Rumanija u fuq in-normalizzazzjoni relattiva tal-ktajjen tal-provvista

globali u reġjonali. L-inċertezza mtawla relatata mad-direzzjoni futura tal-politiki pubbliċi, b'mod partikolari mal-impatt ta' xi deċiżjonijiet ta' politika fiskali espansjonarji tista' tnaqqas il-fiduċja u xxekkel il-flussi tal-kreditu, u b'hekk taffettwa b'mod negattiv l-investiment u t-kabbir. Fl-istess ħin, l-influssi futuri potenzjalment kbar ta' għotjiet u self mill-RRF, li jenħtieġ li jintużaw biex jiffinanzjaw investimenti produttivi u jstimulaw ir-riformi, jirrappreżentaw riskju pożittiv għat-tbassir.

3. L-IŻVILUPP U L-PROSPETTI BAĠITARJI

Skont in-notifika tal-14 ta' Ottubru 2020⁸, ivvalidata mill-Eurostat, id-defiċit ġenerali tal-gvern fir-Rumanija kien ta' 4,4 % tal-PDG fl-2019, filwaqt li d-dejn kien ta' 35,3 % tal-PDG. It-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit tal-amministrazzjoni pubblika ta' madwar 10¼ % fl-2020, 11¼ % fl-2021 u 12½ % fl-2022 taħt suppożizzjoni ta' ebda bidla fil-politika. Id-defiċit strutturali, li kien madwar 5 % tal-PDG fl-2019, huwa mistenni li jiddeterjora bi 3,6 pp. tal-PDG fl-2020, 1,4 pp. tal-PDG fl-2021, u 1,6 pp. tal-PDG fl-2022.

Dawn id-defiċits baġitarji kbar u li qed jikbru parzjalment jirriżultaw mill-effett ikkombinat tat-tnaqqis serju fir-ritmu ekonomiku, u l-miżuri għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha. Dawn jinkludu nfiq addizzjonali fuq skemi ta' appoġġ għall-impjiegi u appoġġ għas-settur tas-saħħa, kif ukoll xi inċentivi fiskali. L-ispiża totali tal-miżuri ta' appoġġ relatati mal-COVID-19 hija ta' 1,3 % tal-PDG, li minnhom 0,4 pp. huma ffinanzjati mill-fondi tal-UE (ara t-Tabella 2 hawn taħt). Fin-nuqqas ta' baġit għall-2021 (minħabba wkoll l-elezzjonijiet ġenerali li ġejjin, mistennija fis-6 ta' Diċembru), it-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni jassumi l-iskadenza tal-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi u l-bonusijiet tal-pagi fl-2021.

Madankollu, id-defiċits projettati kbar u li qed jikbru huma prinċipalment xprunati minn miżuri espansjonarji preeżistenti, kif muri mid-defiċit strutturali mdaqqas fl-2019. Dan jinkludi b'mod partikolari żidiet sinifikanti fin-nefqa soċjali u nfiq ieħor li ġew adottati qabel il-pandemija u għalhekk mhumiex relatati magħha. B'mod aktar preċiż, in-nefqa fuq il-pensjonijiet tax-xjuħija hija mistennija li tiżdied b'mod konsiderevoli, xprunata mill-effett ta' sena sħiħa ta' żieda fil-pensjonijiet ta' 15 % li daħlet fis-seħħ f'Settembru 2019 u żieda oħra ta' 40 % minn Settembru 2020. Konsegwentement, in-nefqa fuq il-pensjonijiet tax-xjuħija hija projettata mill-Kummissjoni li tiżdied b'1,9 pp. tal-PDG fl-2020. Iż-żidiet fil-pensjonijiet waħedhom se jikkontribwixxu wkoll għal deterjorament fid-defiċit tal-baġit bi 2,2 pp. tal-PDG fl-2021 u 1,1 pp. oħra tal-PDG fl-2022. Il-Parlament irdoppja wkoll l-allowance għat-tfal minn Frar 2020, bi spiża baġitarja annwalizzata ta' 0,6 % tal-PDG. Ir-raġuni għal dan l-impatt baġitarju hija li, fiż-żewġ każijiet, il-leġiżlaturi ma pprovdewx għal sors ta' finanzjament tal-miżuri.

⁸ Skont ir-Regolament (KE) Nru 479/2009 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 679/2010 u bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2014, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, il-livelli ppjanati u attwali tagħhom tad-defiċit u d-dejn tal-gvern. Tista' ssib l-aktar notifiċi riċenti tar-Rumanija fuq: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/government-finance-statistics/excessive-deficit-procedure/edp-notification-tables>

Fuq in-naħa tad-dħul, l-awtoritajiet ippromulgaw f'Diċembru 2019 xi bidliet fit-taxxa, inkluż it-tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil u t-tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fuq ħaddiema part-time b'telf kumplessiv smat ta' dħul ta' 0,3 % tal-PDG fl-2020. Id-dħul mit-taxxa huwa wkoll mistenni li jġi affettwat b'mod negattiv mir-reċessjoni u xi inċentivi tat-taxxa bħala parti mill-miżuri ta' appoġġ tal- COVID-19 (0,1 % tal-PDG).

Id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika għall-2021 u l-2022 jista' jirriżulta inqas milli mistenni fit-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni billi l-Gvern ippropona li jitnaqqsu ż-żidiet ippjanati fil-pensjonijiet u l-allowances għat-tfal. L-emendi relatati, madankollu, ġew irrifjutati mill-Parlament, u l-Gvern ikkontesta d-deċiżjonijiet parlamentari fil-Qorti Kostituzzjonali, li d-deċiżjonijiet finali tagħha huma pendent (ara wkoll it-Taqsima 4). It-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, f'konformità mas-suppożizzjoni standard ta' ebda bidla fil-politika, iqis il-vot parlamentari. Għalhekk, għall-2020 u mill-2021 'il quddiem, hija tinkorpora ż-żidiet mitluba mil-liġi dwar il-pensjonijiet attwalment fis-seħħ. It-tbassir ma jinkludi l-ebda nefqa relatata mal-RRF, billi l-Gvern għadu ma indikax nefqa li għandha tiġi ffinanzjata mill-RRF fl-2021. L-evoluzzjoni tad-defiċit fl-2021 tista' tirriżulta wkoll li tkun aktar favorevoli mit-tbassir bħala riżultat ta' tkabbir ekonomiku oġġla mill-implimentazzjoni rapida tal-miżuri ffinanzjati mill-RRF.

Tabella 2: Miżuri biex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19

Miżura	Liġi	Impatt baġitarju (% tal-PDG)		
		2020	2021	2022
Dhul⁹				
Fondi addizzjonali tal-UE għal miżuri tal-COVID		0,4		
CIT: bonus għall-pagament fil-ħin u eżenzjoni HORECA		-0,1		
Nefqa				
Bonusijiet għall-ħaddiema tas-saħħa	diversi liġijiet	0,1		
Infiq f'emerġenza fuq is-saħħa u tagħmir mediku		0,3	0,1	
Benefiċċji tal-qgħad tekniċi għall-impjegati u kategoriji oħra	OUG 30/2020	0,5		
Sussidju għall-impjegati li jirritornaw minn qgħad tekniċi (41.5 %)	OUG 92/2020	0,2		
Skema ta' xogħol għal żmien qasir u miżuri oħra ta' appoġġ għall-impjiegi	OUG 132/2020	0,1		
Interessi issussidjati għall-SMEs (IMM INVEST)		0,02	0,03	
Impatt totali		1,05	0,1	0,0

Nota: l-impatt baġitarju kif inkluż fit-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni

Sabiex tivvaluta r-riskji għas-sostenibbiltà fuq terminu medju, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni *ad hoc* tas-sostenibbiltà tad-dejn ibbażata fuq l-approċċ standard tagħha. Minħabba defiċit primarju għoli u rati tal-imgħax relattivament għoljin meta mqabbla ma' sovrani oħra, il-proporzjon tad-dejn mal-PDG huwa stabbilit fuq perkors qawwi 'l fuq. F'xenarju ta' ebda bidla fil-politika, id-dejn huwa proġettat mill-Kummissjoni li jaqbeż is-60 % fl-2022 u li jmur lil hinn minn 100 % tal-PDG fl-2027, filwaqt li jibqa' oġġla minn dan

⁹ L-awtoritajiet adottaw ukoll diversi miżuri tat-taxxa (differimenti tat-taxxa) li għandhom impatt fuq l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-flus kontanti iżda li huma proġettati li ma jkollhomx impatt fuq id-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika f'termini ta' dovuti.

il-livell sa tmiem il-perjodu ta' projezzjoni fl-2031¹⁰. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ir-riskji ġenerali għas-sostenibbiltà tad-dejn jidhru għoljin fuq terminu medju¹¹. Dan il-livell ta' riskju jindika li hemm vulnerabbiltajiet fiskali sinifikanti li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' miżuri ta' politika xierqa. Din il-valutazzjoni tar-riskju se tiġi aġġornata u kkomplementata aktar, meta l-Kummissjoni tivvaluta mill-ġdid is-sitwazzjoni baġitarja tar-Rumanija fir-rebbiegħa 2021. F'dan l-istadju, il-projezzjonijiet tad-dejn huma soġġetti wkoll għal livell ħafna ogħla mis-soltu ta' inċertezza. Jekk iż-żidiet aktar baxxi fil-pensjonijiet u l-allowance għat-tfal proposti mill-Gvern għall-2020 jiġu adottati, dan itaffi n-nefqa fuq terminu qasir iżda ma jaffettwax fundamentalment ir-riskji fit-tul għas-sostenibbiltà tad-dejn fin-nuqqas ta' aktar miżuri għall-2021 u lil hinn.

4. MIŻURI MEĦUDA MIR-RAKKOMANDEZZJONI TAL-PDE

Fil-15 ta' Settembru 2020, l-awtoritajiet Rumani baġhtu rapport dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Artikolu 126(7). Dan ir-rapport jippreżenta l-miri u l-miżuri fiskali mill-emenda tal-abbozz tal-baġit tal-2020 ta' Awwissu 2020. Il-miri l-ġodda jinkorporaw il-miżuri li ħa l-Gvern sabiex jindirizza l-konsegwenzi tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq is-sistema tas-saħħa u l-ekonomija, bi spiża totali ta' madwar 1 % tal-PDG (it-Tabella 2). Ir-rapport ma jipprovi l-ebda dettall dwar il-miri fiskali u l-miżuri tal-Gvern fuq terminu medju, billi l-awtoritajiet Rumani għadhom ma ppreżentawx l-abbozz tal-baġit tal-2021 jew l-istrateġija fiskali 2021-2023.

Għall-2020, l-awtoritajiet jimmiraw lejn defiċit nominali tal-amministrazzjoni pubblika ta' 8,6 % tal-PDG u dejn ta' 43,6 % tal-PDG, li huwa konsistenti mal-aħħar emenda baġitarja adottata fl-14 ta' Awwissu 2020, li rrevediet il-mira tad-defiċit tal-2020 'l fuq minn 3,6 % tal-PDG fil-baġit oriġinali tal-2020. Id-defiċit strutturali ppjanat, ibbażat fuq il-kalkoli tal-awtoritajiet stess, huwa ta' 5,8 % tal-PDG potenzjali. Dawn il-miri baġitarji huma bbażati fuq tnaqqis mistenni fil-PDG reali ta' -3,8 % fl-2020, ferm iżgħar mit-tnaqqis ta' -5,2 % mistenni fit-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni; huma jinkorporaw ukoll l-impatt tal-miżuri ta' emerġenza kontra l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 li ttieħdu sa Ottubru 2020.

Permezz tal-emenda tiegħu tal-baġit ta' Awwissu, il-Gvern ipprova jillimita d-deterjorament fiskali fl-2020 billi llimita ż-żidiet ipplanati fl-infiq soċjali u fil-paga pubblika. B'mod aktar preċiż, il-Gvern ippropona żieda fil-pensjonijiet tax-xjuħija ta' 14 % minn Settembru 2020, minflok iż-żieda ppjanata oriġinarjament ta' 40 %. Minħabba li l-emenda tirreferi biss għall-2020, fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni eżistenti, il-pensjonijiet xorta waħda jizidiedu b'mill-inqas 30 % minn Settembru 2021. Il-Gvern ippropona wkoll li jżid l-allowance għat-tfal bi 19 % minn Awwissu 2020, minflok irdoppjaha immedjatament fi Frar 2020, segwita minn żidiet darbtejn fis-sena sakemm tirdoppja sa Lulju 2022. Il-Gvern ipprova wkoll jipposponi ż-żidiet

¹⁰ F'dan ix-xenarju, huwa preżunt li l-bilanċ strutturali primarju jiġi aġġustat progressivament matul il-perjodu ta' projezzjoni biex jikkonverġi lura għal-livell imbassar tiegħu ta' qabel il-kriżi (jiġifieri l-livell imbassar mis-servizzi tal-Kummissjoni fit-tbassir tal-ħarifa 2019 għas-sena 2021), u b'hekk jippresupponi tnaqqis progressiv tal-impatt negattiv straordinarju tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-finanzi pubbliċi. Suppożizzjonijiet oħra huma konformi mal-approċċ standard tad-DSA tal-Kummissjoni (ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2019).

¹¹ Din il-valutazzjoni tinkludi l-kunsiderazzjoni ta' xenarji addizzjonali tat-test tal-istress, kif definit fl-approċċ standard tad-DSA tal-Kummissjoni (ara l-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2019).

fil-pagi tal-persunal edukattiv minn Settembru 2020 għal Settembru 2021.¹² Jekk jiġu implimentati, dawn ir-reviżjonijiet inaqqsu l-infiq tal-2020 b'1,3 pp. tal-PDG meta mqabbel mat-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni. Madankollu, il-Parlament irrifjuta l-proposti tal-Gvern u l-Gvern ikkontesta d-deċiżjonijiet parlamentari fil-Qorti Kostituzzjonali, li d-deċiżjonijiet finali tagħha huma pendenti.

Valutazzjoni tad-deċiżjonijiet baġitarji tar-Rumanija minn April 2020 b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni se jkollha tqis id-deterjorament tal-perspettiva makroekonomika u l-impatt tal-miżuri fiskali ta' emerġenza biex tiġi indirizzata l-pandemija u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha, kif ukoll kwalunkwe miżura jew azzjoni oħra mill-awtoritajiet. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, it-tkabbir reali tal-PDG fl-2020 issa huwa mistenni li jkun 9 pp. inqas minn dak fix-xenarju bażi sottostanti għar-Rakkomandazzjoni tal-Artikolu 126(7) ta' April 2020, li kien ibbażat fuq it-tbassir tax-xitwa 2020 tal-Kummissjoni estiż b'varjabbli fiskali sal-2022. Id-defiċit nominali għall-2020 issa huwa mistenni li jkun madwar -10% tal-PDG, imqabbel ma' -4,9 % tal-PDG fix-xenarju bażi (it-Tabella 3).

Fit-tbassir tax-xitwa 2020 tal-Kummissjoni estiż b'varjabbli fiskali sal-2022 (xenarju bażi), l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 ma ġiex ikkunsidrat u l-bilanċ strutturali kien mistenni li jiddeterjora b'1 pp. tal-PDG (potenzjali) fin-nuqqas ta' kwalunkwe sforz ta' aġġustament fl-2020 (it-Tabella 3). Fit-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, id-deterjorament mistenni tal-bilanċ strutturali huwa ta' 3,6 pp. tal-PDG fl-2020, jiġifieri bi 2,6 pp. aktar milli fit-tbassir tax-xitwa. Madwar 1 pp. tal-PDG tad-deterjorament tad-defiċit strutturali fl-2020 huwa dovut għall-miżuri ta' emerġenza tal-COVID-19, ippromulgati wara d-data ta' skadenza tat-tbassir tax-xitwa. Barra minn hekk, it-tbassir tal-ħarifa 2020 jassumi nfiq addizzjonali ta' 0,4 pp. tal-PDG oġġla fuq l-allowance għat-tfal meta mqabbel mat-tbassir tax-xitwa, billi jassumi l-irduppar tal-allowance li tidħol fis-seħħ b'mod retroattiv minn Frar 2020 (wara l-vot parlamentari li kkonferma l-iskeda oriġinali tal-irduppar), filwaqt li t-tbassir tax-xitwa assumi li ż-żieda sseħħ f'Awwissu 2020 (wara l-pjanijiet tal-Gvern f'dak iż-żmien). Id-differenza li jifdal hija dovuta għal informazzjoni aġġornata dwar l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2020, b'mod partikolari nefqa oġġla fuq l-investment pubbliku minn dik projettata mill-Kummissjoni fix-xitwa. L-impatt ikkombinat tat-tentattivi tal-Gvern biex jimmodera ż-żidiet fil-pensjonijiet u fil-benefiċċji tat-tfal u jipposponi xi żidiet fil-pagi jista' jtejjeb il-bilanċ nominali u strutturali tal-2020 bi kważi 1,3 pp. tal-PDG, meta mqabbel mat-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni. Anki f'dan il-każ, madankollu, l-iżviluppi baġitarji, f'termini strutturali u nominali, xorta waħda ma jkunux konformi ma' korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fil-futur prevedibbli.

B'mod ġenerali, anki jekk jikkoreġi l-effett tal-kriżi tal-COVID-19, id-defiċit baġitarju pprojettat jiddevja mill-aġġustament li kien ikun mistenni skont ir-Rakkomandazzjoni, għalkemm id-daqs tad-devjazzjoni ma jistax jiġi vvalutat b'mod preċiż f'dan l-istadju. L-inċertezza eċċezjonali dwar it-tbassir makroekonomiku relatata mal-evoluzzjoni tal-pandemija u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha ma jippermettux li jiġi stabbilit b'mod kredibbli pjan ta' aġġustament robust ġdid f'dan il-mument. Madankollu, huwa ċar li l-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv se teħtieġ sforz fiskali strutturali sostanzjali u kontinwu fis-

¹² Skont deċiżjoni preċedenti tal-awtoritajiet Rumani, il-pagi tal-persunal edukattiv jizjeddu mill-1 ta' Settembru 2021 sabiex jintlaħaq il-livell previst fil-grad ta' paga unifikat għall-2022. L-impatt ta' din iż-żieda kien stmat għal 0,05 % tal-PDG fl-2020.

snin li ġejjin. Il-miżuri proposti mill-Gvern f'Awwissu 2020 u miċħuda mill-Parlament ma jkunux biżżejjed f'dak ir-rigward.

Tabella 3: Tqabbil tal-varjabbli makroekonomiċi u baġitarji ewlenin skont it-tbassir tal-Kummissjoni u l-perkors ta' aġġustament rakkomandat

Tbassir tax-xitwa 2020 tal-Kummissjoni (estiż) - xenarju bażi		2019	2020	2021	2022
Tkabbir reali tal-PDG	%	3,9	3,8	3,5	3,5
Bilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika	% tal-PDG	-4,0	-4,9	-6,9	-7,7
Bilanċ strutturali	% tal-PDG	-3,9	-4,9	-6,8	-7,6
Bidla fil-bilanċ strutturali	% tal-PDG	-1,1	-1,0	-1,9	-0,8
Tkabbir fin-nefqa nett ikkoreġut għal miżuri ta' darba (nominali)	%	13,2	12,9	13,7	10,3
Differenza fl-output	%	0,1	0,0	-0,3	-0,5

Rakkomandazzjoni tal-Artikolu 126(7) ta' April 2020		2019	2020	2021	2022
Tkabbir reali tal-PDG	%	3,9	3,3	2,4	2,7
Bilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika	% tal-PDG	-4,0	-3,6	-3,4	-2,8
Bilanċ strutturali	% tal-PDG	-3,9	-3,4	-2,7	-1,8
Bidla fil-bilanċ strutturali	% tal-PDG	-1,1	0,5	0,8	0,8
Tkabbir fin-nefqa nett ikkoreġut għal miżuri ta' darba (nominali)	%	13,2	8,2	5,5	5,5
Differenza fl-output	%	0,1	-0,6	-1,9	-2,8

Tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni		2019	2020	2021	2022
Tkabbir reali tal-PDG	%	4,2	-5,2	3,3	3,8
Bilanċ nominali tal-amministrazzjoni pubblika	% tal-PDG	-4,4	-10,3	-11,3	-12,5
Bilanċ strutturali	% tal-PDG	-5,0	-8,6	-9,9	-11,5
Bidla fil-bilanċ strutturali	% tal-PDG	-1,7	-3,6	-1,3	-1,6
Tkabbir fin-nefqa nett ikkoreġut għal miżuri ta' darba (nominali)	%	13,6	15,9	9,8	9,3
Differenza fl-output	%	2,4	-5,3	-4,4	-3,0

5. KONKLUŻJONIJIET TAL-POLITIKA FISKALI

Fuq il-bażi tat-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni u l-analiżi tal-iżviluppi makroekonomiċi u baġitarji reċenti, ir-Rumanija mhijiex mistennija tagħmel l-aġġustamenti li

jkunu meħtieġa sabiex tiżgura li d-defiċit eċċessiv identifikat fir-Rakkomandazzjoni jiġi kkoreġut fil-futur prevedibbli. Id-deterjorament tal-perspettiva ekonomika u l-introduzzjoni ta' miżuri ta' emerġenza għall-għieda kontra l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha jistgħu biss jispjegaw parzjalment iż-żieda projettata fid-defiċit. L-ixprunaturi sottostanti importanti tas-sitwazzjoni fiskali li kienu diġà preżenti qabel ma faqqgħet il-pandemija fl-2020, ma ġewx modifikati. Dawn jinkludu żidiet kbar fil-pensjonijiet mhux iffinanzjati, allowance għat-tfal oġhla, tnaqqis fit-taxxi indiretti u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal xi kategoriji ta' ħaddiema.

It-tentattivi mill-Gvern biex jimmodera l-impatt ta' xi wħud minn dawn il-miżuri ġew irrifjutati mill-Parlament u l-eżitu mhuwiex magħruf. Madankollu, anki jekk il-proposti biex jimmoderaw iż-żidiet fin-nefqa tal-pensjonijiet u l-alloance għat-tfal fl-aħħar mill-aħħar jiġu adottati, il-perspettiva fiskali se tibqa' sfavorevoli ħafna billi n-nefqa fuq daww il-partiti xorta tiżdid u ma hemm l-ebda dispożizzjoni għall-finanzjament tan-nefqa oġhla minn riżorsi addizzjonali jew iffrankar fl-ispejjeż. Għalhekk, l-awtoritajiet ikollhom jikkunsidraw azzjonijiet strutturali ulterjuri sostanzjali kemm fuq in-naħa tad-dħul kif ukoll fuq in-naħa tan-nefqa sabiex id-defiċit jiġi stabbilit fuq perkors ta' tnaqqis u tiġi evitata żieda qawwija fil-proporzjon tad-dejn mal-PDG. Minħabba l-inċertezza għolja attwali, ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali se jiġu vvalutati mill-ġdid fir-rebbiegħa 2021.

Minħabba l-inċertezza prevalenti għolja rigward l-iżvilupp tal-pandemija u l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tagħha, il-klawsola liberatorja ġenerali se tibqa' attiva fl-2021. Skont l-evoluzzjoni tal-pandemija, jista' jkun meħtieġ li l-miżuri ta' emerġenza jiġu aġġustati u kkombinati ma' miżuri li jappoġġaw l-irkupru. Il-miżuri li jappoġġjaw l-irkupru matul l-2021, kif issuġġerit fl-ittra mibgħuta mill-Viċi President Eżekuttiv Dombrovskis u l-Kummissarju Gentiloni lill-Ministru tal-Finanzi Pubbliċi Rumen Cîtu fid-19 ta' Settembru 2020, għandhom jiffasslu skont is-sitwazzjoni speċifika tal-pajjiż u għandhom ikunu mmirati tajjeb u temporanji. L-Istati Membri għandhom, għalhekk, jevitaw li jintroduċu miżuri b'impatt negattiv permanenti fuq il-bilanċi tal-baġit. Tabilħaqq, huwa importanti li wieħed jinnota li l-klawżola liberatorja ġenerali hija soġġetta għall-preservazzjoni tas-sostenibbiltà fiskali fit-terminu medju.

Barra minn hekk, kif imfakkar fit-Taqsima 1, politiki makroekonomiċi sodi, inklużi finanzi pubbliċi sostenibbli, huma prerekwiżit biex jiġi żgurat ambjent li jwassal għal investiment pubbliku produttiv u użu effettiv tal-Fondi tal-UE, inklużi għotjiet u self sostanzjali disponibbli fil-kuntest tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.